**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 233/2018 AF**

**CassarCamilleri Marketing Sales and Distribution Limited (C-20060)**

**vs**

**M & V Food and Beverages Imports Limited (C-53102)**

**u**

**Joseph Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi CassarCamilleri Marketing Sales and Distribution Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Huwa direttur tas-socjetà rikorrenti.

Is-socjetà rikorrenti kienet tbiegh u tikkonsenja lill-intimata M & V Food and Beverages Imports Ltd, merkanzija konsistenti f'xorb.

L-intimata M & V Food and Beverages Imports Ltd, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dokument A, ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' €23,545.25 (tlieta u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu) liema somma tirrapprezenta il-bilanc tal-prezz ta' merkanzija konsistenti f'xorb minnha mibjugha u kkonsenjata lill-intimata M & V Food and Beverages Imports Ltd.

L-intimat Joseph Micallef personalment, huwa solidalment u indivizament responsabbli mal-intimata M & V Food and Beverages Imports Ltd ghall-hlas tal-ammont hawn fuq imsemmi, kif jirrizulta minn skrittura privata hawn annessa (Dok. B).

L-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc hawn fuq imsemmi, izda baqghu inadempjenti.

Is-socjetà rikorrenti ghalhekk tinsab kreditrici tal-intimati b'mod solidali u indiviz bejniethom fl-ammont ta' €23,545.25 (tlieta u ghoxrin elf hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu) liema somma hija dovuta kif fuq spjegat.

L-esponenti nomine jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom hu personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-intimati b'mod solidali u indiviz bejniethom debituri tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' €23,545.25 (tlieta u ghoxrin elf hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu) liema somma tirrapprezenta ammont dovut ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjetà rikorrenti lill-intimata M & V Food and Beverages Imports Ltd.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati b'mod solidali u indiviz bejniethom sabiex ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' €23,545.25 (tlieta u ghoxrin elf hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu) lilha dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta' qbid numru 406/18 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru 2016, data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikati bl-atti tal-kawża, il-konvenuti naqsu milli jippreżentaw risposta għat-talbiet miġjuba kontrihom.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-attriċi.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi in vista tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti u tenut kont tan-nota ta' riduzzjoni tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha rriduċiet it-talba tagħha għal €20,545.25, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attriċi limitatament fl-ammont ridott ta' ghoxrin elf hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€20,545.25) bl-imgħax u spejjeż kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG